MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**CAROL PERALTA**

Seduta tat-8 ta' Novembru, 2012

Numru. 558/2011

**PULIZIJA**
**SPETTUR MAURICE CURMI**

**VS**

**MOHAN SIVE MICHAEL BHARWANI**

**Il-Qorti:**

Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmi Mohan sive Michael Bharwani detentur tal-Karta tal-Identita` numru 415366 (M).

**Akkuzat talli:**

F’ismu propja, kif ukoll fil-kapacita` tieghu ta` Direttur ghan-nom u in rapprezentanza tas-Socjeta` *Hanee Company Limited:*

1. Talli fi Frar 2009 u fix-xhur u s-snin ta` qabel f’dawn il-Gzejjer, b’diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti, izda li jiksru l-istess disposizzjonijiet tal-ligi u li gew maghmula b’rizoluzzjoni wahda, b’mezzi kontra l-ligi jew billi ghamel uzu ta` ismijiet foloz jew ta` kwalifiki foloz, jew billi nqeda b’qerq iehor, ingann, jew billi wera haga b’ohra sabiex igieghel jitwemmen l-ezistenza ta` intraprizi foloz, jew ta` hila, setgha fuq haddiehor, jew ta` krediti immaginarji, jew sabiex iqanqal tama jew biza dwar grajja kimerika, ghamel qliegh ta` aktar minn elfejn tliet mija u disgha u ghoxrin ewro u sebgha u tletin centezmu (€2,329.37) ghad-deteriment tas-socjeta` Valletta Freight Services Limited, ai terminu tal-artikoli 18, 308, 309 u 310 tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta` Malta;

2. Talli fl-istess zmien, lok u cirkostanzi, ghamel falsifikazzjoni fi skrittura kummercjali jew ta` bank privat, b’falsifikazzjoni jew tibdil fl-iskrittura jew fil-firem, billi holoq pattijiet, disposizzjonijiet jew obbligi foloz jew helsien falz minn obbligi, ai terminu tal-artikolu 183 tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta` Malta;

3. Aktar talli fl-istess zmien, lok u cirkostanzi xjentement ghamel uzu minn dokumenti foloz, ai termini tal-artikolu 184 tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta` Malta;

4. U aktar talli fl-istess zmien, lok u cirkostanzi sabiex tikseb xi vantagg jew beneficcju ghalih innifsu jew ghal haddiehor, f’dokument mahsub ghall-awtorita` pubblika u cioe` lid-Dipartiment tad-Dwana, xjentement ghamel dikjarazzjoni jew stqarrija falza, jew tgharif falz, ai termini tal-artikoli 188 u 189 tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta` Malta;

5. F’isem il-Kontrollur tad-Dwana u l-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud qed jigi akkuzat talli fl-10 ta` Settembru 2007, u/jew f’xi data qabel, xjentement

issottometta informazzjoni f'taghrif, fid-dokument tad-Dwana SAD Reference No. 2007600684346 relatat ma` Fattura bin-numru JE-00035/07 datata 16/08/2007, biex sussegwement tkun tista` tigi rilaxxata il-konsenja ndikata fl-istess dokumenti liema dokumenti juru valuri anqas minn dak originali. B'dawn id-dokumenti huwa xjentement ghamel dikjarazzjoni falza b'dak li jirrigwarda valur reali, fis-sens li l-valur dikjarat kien ta` Lm5,422 (€12,630), Dazju u VAT mhallsa kienu ta` Lm109 (€254) u Lm996 (€2,316) rispettivament, meta fil-fatt il-valur, id-Dazju u l-VAT reali kellhom ikunu €24,142, €490 u €4,437 rispettivament. B'hekk, bil-hsieb li tiffroda l-Gvern ta` Malta, huwa xjentement kellu b'xi mod x'jaqsam billi bil-qerq jinharab id-Dazju li jammonta ghal €2,121. Il-merkanzija inkwistjoni kienet giet importata f'Malta fit-8 ta` Settembru 2007 mill-India mal-vapur 'Mumbai Express' u giet rilaxxata bid-dokument tad-Dwana TDID (Declaration) No. 2007600684346;

6. Aktar talli fil-5 ta` Novembru 2008, u/jew f'xi data qabel, issottometta informazzjoni f'taghrif fid-dokument tad-Dwana SAD Reference No. 2008600924756 relatat ma` Fattura bin-numru JE-0035/08 datata 06/09/2008, biex sussegwement tkun tista` tigi rilaxxata il-konsenja indikata fl-istess dokumenti, liema dokumenti juru valuri anqas minn dak originali. B'dawn id-dokumenti huwa xjentement ghamel dikjarazzjoni falza f'dak li jirrigwarda valur reali, fis-sens li l-valur dikjarat kien ta` €11,393, Dazju xejn VAT imhallas kien ta` €2,051, meta fil-fatt il-valur u il-VAT reali kellhom ikunu €24,282 u €4,371 rispettivament. B'hekk bil-hsieb li jiffroda lill-Gvern ta` Malta, huwa xjentement kellu b'xi mod x'jaqsam billi bil-qerq jinharab il-VAT li jammonta ghal €2,320. Il-merkanzija inkwistjoni kienet giet importata f'Malta fis-26 ta` Settembru 2008 mill-India mal-vapur 'CMA CGM Kingston' u giet rilaxxata bid-dokument tad-Dwana TDID (Declaration) No. 20048600924756;

7. Talli fil-5 ta` Novembru 2008, u/jew f'xi data qabel, xjentement issottometta informazzjoni f'taghrif fid-dokument tad-Dwana SAD Reference No. 2008600929670 relatat ma` Fattura bin-numru JE-

0039/08 datata 19/09/2008, biex sussegwement tkun tista` tigi rilaxxata il-konsenja indikata fl-istess dokumenti, liema dokumenti juru valuri anqas minn dak originali. B'dawn id-dokumenti huwa xjentement ghamel dikjarazzjoni falza f'dak li jirrigwarda valur reali, fis-sens li l-valur dikjarat kien ta` €18,561, Dazju u VAT imhallsa kienu ta` €367 u €3,407 rispettivament, meta fil-fatt il-valur, id-Dazju u l-VAT reali kellhom ikunu €44,478, €390 u €8,076 rispettivament. B'hekk bil-hsieb li jiffroda lill-Gvern ta` Malta, huwa xjentement kellu b'xi mod x'jaqsam billi bil-qerq jinharab id-Dazju u VAT li jammontaw ghall-€23.00 u €4,669 rispettivament. Il-merkanzija inkwistjoni kienet giet importata f'Malta fis-6 ta` Ottubru 2008 mill-India mal-vapur 'CMA CGM Sambhar' u giet rilaxxata bid-dokument tad-Dwana TDID (Declaration) No. 2008600929670;

8. Aktar talli fit-3 ta` Dicembru 2008, u/jew f'xi data qabel, issottometta informazzjoni f'taghrif fid-dokument tad-Dwana SAD Reference No. 2008600953828 relatat ma` Fattura bin-numru JE-0041/08, biex sussegwement tkun tista tigi rilaxxata il-konsenja indikata fl-istess dokumenti, liema dokumenti juru valuri anqas minn dak originali. B'dawn id-dokumenti, huwa xjentement ghamel dikjarazzjoni falza b'dak li jirrigwarda valur reali, fis-sens li l-valur dikjarat kien ta` €15,551, Dazju xejn u VAT imhallas kien ta` €2,799, meta fil-fatt il-valur u l-VAT reali kellhom ikunu €28,488 u €5,128 rispettivament. B'hekk, bil-hsieb li jiffroda lill-Gvern ta` Malta, u huwa xjentement kellu b'xi mod x'jaqsam billi bil-qerq jinharab il-VAT li jammonta ghal €2,329. Il-merkanzija inkwistjoni kienet giet importata f'Malta fid-9 ta` Novembru 2008 mill-India mal-vapur 'Hammurabi' u giet rilaxxata bid-dokument tad-Dwana TDID (Declaration) No. 2008600953828;

Id-Dazju u l-VAT evaduti, fuq dawn il-konsenji fejn indikati fil-paragrafi 1, 2, 3 u 4 jammontaw ghal €259 u €11,439 rispettivament.

Dan bi ksur tal-Artikoli 18, 62 (f) (g) (h) (i) (m) tal-Ordinanza tad-Dwana Kapitolu 37 u l-Artikoli 10 (2) u 18 A tal-Att dwar Dazji ta` Importazzjoni Kapitolu 337 tal-Ligijiet ta` Malta u l-Artikolu 80 tal-Att dwar Taxxa fuq il-Valur Mizjud (Att Nru. XXIII tal-1998).

Il-Qorti giet gentilment mitluba sabiex barra milli tapplika l-piena skond il-Ligi, tordna lill-imputat sabiex ihallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra tal-esperti, ai termini tal-artikolu 533 tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta` Malta.

Il-Qorti rat u ezaminat id-dokumenti esibiti;

Semghet il-provi mressqa;

Rat l-Artikoli indikati u cioe` l-Artikoli 18, 308, 309, 310, 183, 184, 188, 189 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta` Malta, l-Artikoli 18, 62 (f) (g) (h) (i) (m) tal-Kapitolu 37 tal-Ligijiet ta` Malta, l-Artikoli 10 (2), 18 A tal-Kapitolu 337 tal-Ligijiet ta` Malta, l-Artikolu 80 tal-Att dwar Taxxa fuq il-Valur Mizjud (Att Nru. XXIII tal-1998) u l-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta` Malta.

Din il-Qorti, wara li hadet in konsiderazzjoni l-hlas maghmul mill-imputat, tilliberah bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien sentejn (2) mil-llum ai terminu tal-Artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta` Malta.

Il-Qorti spjegat il-portata ta` din is-sentenza lill-imputat.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------